**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 15 ta' Frar, 2016**

Numru 15

**Rikors Guramentat Nru. 63/2016**

**J.B. Sorotto Limited**

**vs**

**Victoria Invest Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti tas-26 ta' Jannar 2016 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta konvenuta hija propjetarja tal-bastiment navali "COSTANZA" registrat hawn Malta u li ghandu n-numru ufficjali IMO 9171383 (kopja tac-certifikat tar-registru tal-bastiment hawn anness u markat bhala "Dokument AA");

2. Illi wara li twaqqfet is-socjeta konvenuta hawn Malta, tul is-snin, kienet is-socjeta attrici illi rrapprezentatha f'Malta fil-konfront tal-awtoritajiet marittimi Maltin u kienet ukoll is-socjeta attrici illi tatha servizz in konnessjoni mal-operat u l-immanigjar tal-istess bastiment COSTANZA. Infatti, is-socjeta konvenuta ghandha bhala l-indirizz ufficjali taghha l-istess indirizz tas-socjeta attrici (vide "Dokument BB");

3. Illi ghas-servizz illi tat, is-socjeta attrici harget diversi fatturi (hawn annessi u markata bhala "Dokumenti A sa H"), liema fatturi baqghu ma thallsux fl-interitezza taghhom, minkejja d-diversi talbiet illi saru da parti tas-socjeta attrici. Rapprezentanti tas-socjeta konvenuta diversi drabi ammettew mas-socjeta attrici li l-fatturi hawn imsemmija huma dovuta u anke weghdu li jhallsuhom izda tali hlas baqa' ma sarx;

4. Illi s-somma bilancjali illi prezentament hija dovuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici hija hamest elef, disa' mija u tnax-il euro (€5,912) u dan kif jirrizulta mir-rendikontijiet hawn annessi u mmarkata bhala "Dokumenti I u J";

5. Illi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet kontendenti tirrigwarda claims kontemplati fl-artikolu 742B subartikoli (o), (x) u (y) tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta u, kwindi, azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-istess Kap. 12: b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif imfisser inter alia fl-artikolu 37(10)(a)(v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih ai termini tal-artikolu 37(1) tal-istess Kap. 12;

6. Illi sa fejn taf is-socjeta attrici, l-assi tas-socjeta konvenuta jikkonsistu biss mill-bastiment "COSTANZA" u jekk is-socjeta konvenuta tbiegh jew tittrasferixxi b'xi mod iehor dan il-bastiment, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta attrici jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment "COSTANZA" iregistrat hawn Malta u li ghandu n-numru ufficjali IMO 9171383 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Semghet lil Dr. Jonathan Taylor East, rapprezentant legali u gudizjali tas-socjeta attrici li bil-gurament tieghu ddikjara li l-fatturi (a fol. 7 sa 17 tal-process) ghadhom sallum mhux imhallsa;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta rikorrenti qed tivvanta drittijiet ta' hlasijiet fil-konfront tal-bastiment intimat koperti bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(j) u/jew (m) tal-Kap. 234 u azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12.

Ghalhekk minghajr ma tidhol fil-mertu tal-korrettezza tal-ammonti mitluba hemm lok ghall-azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 u kwindi t-talba attrici hi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-tabiet attrici fis-sens li ma jsir ebda ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment "COSTANZA" iregistrat hawn Malta u Ii ghandu n-numru ufficjali IMO 9171383 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna notifika lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur